



16.12.2011

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett: Petizzjoni 1266/2009, imressqa minn H. H. Rogers, ta' nazzjonalità Brittanika, dwar l-inċineratur ta' skart f'El Campello, Alicante.**

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jesprimi tħassib dwar in-nixxijiet velenużi li ġejjin mill-inċineratur ta' El Campello li, skontu, mhumiex konformi mad-Direttiva 2000/76/KE, tal-4 ta' Diċembru 2000, dwar l-inċinerazzjoni ta' skart.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fil-11 ta' Diċembru 2009. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fid-19 ta' Frar 2010.

Il-petizzjonant iqajjem tħassib dwar il-kundizzjonijiet operattivi ta' impjant ta' inċineratur ta' skart fil-viċinanzi ta' El Campello, fir-reġjun ta' Alicante, Spanja.

L-installazzjonijiet għall-ħruq ta' skart muniċipali b'kapaċità li teċċedi t-3 tunnellati metriċi fis-siegħa taqa' taħt il-qasam ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/1/KE dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis (iktar 'il quddiem: id-Direttiva IPPC)<sup>1</sup>. Barra minn hekk, dawn l-installazzjonijiet għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/76/KE dwar l-inċinerazzjoni ta' skart (iktar 'il quddiem: id-Direttiva dwar l-Inċinerazzjoni ta' Skart)<sup>2</sup>.

<sup>1</sup> ĠU L 24, 29.7.2008, p.8

<sup>2</sup> ĠU L 332, 28.12.2000, p. 91

Id-Direttiva IPPC tesiġi li l-installazzjonijiet li jaqgħu taħt il-qasam ta' applikazzjoni tagħha jiffunzjonaw skont il-permessi li jinkludu l-valuri ta' limitu ta' emissjoni bbażati fuq l-aħjar teknika disponibbli (BAT), maħsuba sabiex jiġu evitati u, fejn dan ma jkunx prattiku, jitnaqqsu b'mod ġenerali l-emissjonijiet u l-impatt fuq l-ambjent kollu kemm hu. Il-prevenzjoni u t-tnaqqis ta' emissjonijiet fl-arja, fl-ilma jew fil-ħamrija għandhom għaldaqstant jiġu trattati fil-permessi ambjentali maħruġa skont id-Direttiva IPPC.

Il-Kummissjoni adottat numru ta' dokumenti ta' referenza BAT (BREFs) li jkopru l-attivitajiet li jaqgħu taħt il-qasam ta' applikazzjoni tad-Direttiva IPPC u li qed jiġu kkunsidrati mill-awtoritajiet kompetenti għall-istabbiliment tal-valuri ta' limitu ta' emissjoni bbażati fuq il-BAT, il-parametri ekwivalenti jew il-miżuri tekniċi għal dawn l-installazzjonijiet. F'Awwissu 2006 ġie adottat BREF dwar l-inkinerazzjoni ta' skart.

Barra minn hekk, l-installazzjoni għandha tikkonforma mar-rekwiżiti tal-valuri ta' limitu ta' emissjonijiet u ta' monitoraġġ stipulati mid-Direttiva dwar l-Inkinerazzjoni ta' Skart.

### Konklużjoni

Il-Kummissjoni se titlob informazzjoni mill-awtoritajiet Spanjoli biex tevalwa kif id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva IPPC u d-Direttiva dwar l-Inkinerazzjoni ta' Skart huma implimentati fir-rigward ta' din l-installazzjoni speċifika.

#### **4. Risposta kumplimentari tal-Kummissjoni, li waslet fil-11 ta' Novembru 2010**

Kif indikat fil-komunikazzjoni preċedenti tagħha, il-Kummissjoni talbet informazzjoni mill-awtoritajiet Spanjoli dwar l-installazzjoni kkonċernata. Tqajmu dubji dwar l-istejtus tal-permess u dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2008/1/KE, dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis (id-Direttiva IPPC)<sup>1</sup> u d-Direttiva 2000/76/KE dwar l-inkinerazzjoni ta' skart (id-Direttiva WI)<sup>2</sup>.

Fir-risposta tagħhom, l-awtoritajiet Spanjoli infurmaw lill-Kummissjoni kif ġej:

- L-installazzjoni ma taqax fl-ambitu tad-Direttiva IPPC, għalkemm mhijiex impjant tal-inkinerazzjoni tal-iskart iżda *landfill* kif definit fil-punt 5.4. tal-Anness I ta' dik id-Direttiva;
- L-installazzjoni għandha faċilità tal-bijogass fejn il-bijogass jiġi prodott permezz tat-trattament tal-iskart organiku. Konsegwentement il-bijogass jiġi inkinerat. Din l-attività ma taqax fl-ambitu tad-Direttiva WI billi ma tkoprix l-inkinerazzjoni tas-sustanzi gassużi<sup>3</sup>;
- Il-faċilità għandha unità tat-trattament tal-ilma mormi fejn kaldarun żgħir jipprovdi s-sħana. Il-fjuwil użat huwa skart veġetali u għalhekk din l-attività ma taqax fl-ambitu tad-Direttiva WI<sup>4</sup>;

<sup>1</sup> ĠU L 24, 29.1.2008., p. 8

<sup>2</sup> ĠU L 332, 28.12.2000, p. 91

<sup>3</sup> Artikolu 3(1)

<sup>4</sup> Artikolu 2(1)(a)(i)-(ii)

- L-installazzjoni għandha permess tal-IPPC validu li nħareġ fid-19 ta' Lulju 2005 mill-awtorità kompetenti. Dan il-permess jistipola r-regoli għall-operat tal-installazzjoni li jkunu skont ir-rekwiżiti tad-Direttiva IPPC;

- L-installazzjoni taqa' wkoll taħt l-ambitu tar-Regolament 166/2006 dwar il-ħolqien ta' Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 91/689/KEE u 96/61/KE<sup>1</sup> u d-dejta ta' emissjoni tiegħu li tiġi sottomessa f'din l-iskema ta' rappurtar;

- L-aħħar ispezzjoni twettqet mill-awtorità kompetenti fis-27 ta' Ottubru 2009. Minkejja n-nuqqas ta' regolament dwar l-emissjonijiet ta' rwejjaħ kemm fil-livell nazzjonali u anke fil-livell tal-UE, sabiex jiġu indirizzati l-ilmenti tar-residenti li jirresiedu viċin, l-awtorità kompetenti talbet lill-operatur jieħu miżuri addizzjonali kontra dawn l-emissjonijiet.

Fuq il-bażi tal-informazzjoni ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ma tistax tidentifika xi ksur tal-liġi ambjentali.

## **5. Risposta tal-Kummissjoni (REV II ), li waslet fis-16 ta' Diċembru 2011.**

Il-Kummissjoni eżaminat l-informazzjoni l-ġdida rigward il-petizzjoni. L-informazzjoni l-ġdida titratta biss il-kwistjoni tal-irwejjaħ u ma tinkludix elementi ġodda.

Il-komunikazzjoni preċedenti li kienet imsejsa fuq l-iskambju ta' informazzjoni mal-awtoritajiet Spanjoli dwar il-kwistjonijiet imqajma fil-petizzjoni, għadha valida.

---

<sup>1</sup> ĠU L 33, 4.2.2006.